MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014

Numru 479/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Razvan-Claudiu Dobritanu**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Razvan-Claudiu Dobritanu ta' 29 sena bin Gheorghe u Victoria, imwieled Rumanija fit-12 ta' Jannar, 1985, residenti gewwa Appt. 311 Dragonara Appts, Dragonara Road St Julian's / Ors. Petrila

Jud. Hunedoara Str, 8 Martie bl.7 sc.2 et.2 ap.17 Rumanija u detentur tal-karta ta’ l-identita’ Rumena numru HD 501379.

Akkuzat talli f’ dawn il-Gzejjer fil-lejl ta’ bejn is-7 u t-8 t’ Ottubru 2014 kellu fil-pussess tieghu l-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-Art 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f’ kaz ta’ htija tordna lil imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali datat 9 t’ Ottubru 2014 (esebit a fol. 6 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar id-9 t’ Ottubru, 2014 ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m' ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-fatt li ghandu fedina penali netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ssib lil imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Art. 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien sitt (6) xhur millum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------